MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru. 676/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**KONTRA**

**JOSEPH GALEA**
**BERTRAM ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Galea ta’ 20 sena, bin missier mhux maghruf u Sylvana Galea mwieled Pieta’ fil- 15 ta’ Gunju 1990, residenti Blk 1, Flat 5, Triq Danny Cremona, Kirkop u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 293290(M);

U

Bertram Zahra ta’ 20 sena bin Joseph u Emanuela nee’ Spiteri, mwieled Pieta’ nhar l- 14 ta’ Lulju 1990, residenti 12, Sqaq San Adeodatu, Zejtun u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 340390(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Fis- 7 ta’ Gunju 2009, fiz- Zejtun, bejn 12.00pm u 5.30pm ikkommettew serq ta’ vettura LAH 965 ghad-dannu ta’ Laurence Formosa, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2390.24 u kkwalifikat, bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa;

Lil Bertram Zahra wahdu talli kiser il- kundizzjonijiet imposti fuqu mill- istess Onorabbli Qorti meta nhar;

1) l- 20 ta’ Mejju 2008 kien gie misjub hati mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D ta’ diversi serqiet u giet imposta fuqu bhala sentenza probation order ghal tlett snin;

2) nhar id- 9 ta’ Gunju 2008 kien gie misjub hati ta’ serq mill- Magistrat D. Clarke LL.D u giet imposta fuqu bhala sentenza probation order ghal tlett snin;

3) akkuzati Joseph Galea u Bertram Zahra talli huma saru recidivi ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b’ diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 267, 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundanna lil Joseph Galea sena prigunerija sospiza ghal tlett snin taht supervizjoni ta’ Ufficjal tal- Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9;
Fil- waqt li tikkundanna lill- imputat Bertram Zahra sena prigunarija sopiza ghal erba’ (4) snin taht supervizjoni tal-Ufficjal tal- Probation ai termini tal- Artikolu 28 G tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------